MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1127/2007

Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detenur tal-karta ta' l-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera GA Modefine S.A., ta' Via Penate 4, 6850 Mendrisio, Svizzera
vs
Dr Patrick Valentino u l-P.L. Doreen Aquilina li b'digriet tat-2 ta' Mejju 2008 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil TAWAREG CO, ta' Benghazi, il-Libja

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera GA Modefine S.A. li bih eccepixxa:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti GA Modefine S.A., maghrufa sew madwar id-dinja inkluz f'Malta *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' lbies fosthom *underwear,* hija

proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` rikorrenti kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq suq barrani kif ukoll fuq suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta` rikorrenti ghandha registrata f'Malta b'effett mill-21 ta' Ottubru 1997 it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 27774 konsistenti f'rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla inklundenti l-kelma "GA", dwar *clothing articles, footwear, headwear* u cioe` f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f'*underwear*;

4. Illi inoltre, is-socjeta` rikorrenti ghandha validament registrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTMs) b'effett mill-1 ta' April tal-1997, il-kelma Armani (numru ta' registrazzjoni 000504282) u rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla inkludenti l-kelma "GA" (numru ta' registrazzjoni 000504308), u dan *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f'*underwear*;

5. Illi s-socjeta` rikorrenti hija *"detenitrici ta' dritt"* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-*'Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action againts goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken againts goods found to have infringed such rights',* biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fid-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 2(1)(a)(i), 4 u 8 (1) ta' l-istess Kap. 414 u fid-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikoli 1, 2 1.(a)(i), 10, 16 u 17 ta' l-istess *Council Regulation (EC) No* 1383/2003 fost ohrajn;

6. Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 tal-istess

Kap. 414 u fl-Artikolu 1 1. tal-*Council Regulation (EC) No* 1383/2003 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* XINU1031820 kontenenti fost ohrajn artikli ta' lbies (qliezet ta' taht ta' l-irgiel) u kaxxi relattivi, li fihom sinjali konsistenti fil-kelma "Armani" kif ukoll (fil-kaz tal-kaxxi relattivi) rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur l-intimata Tawreg Co, ta' Benghazi, il-Libja skond kif indikat fuq il-polza ta' karigu relattiva, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta` rikorrenti dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-vertifiki opportuni dwar kontravvenjonijiet ta' drittijiet dwar propjeta` intelletwali;

7. Illi s-socjeta` rikorrenti giet mgharrfa bis-sejba fit-2 ta' Ottubru 2007, u wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti li jikkontravjenu d-drittijiet taghha dwar propjeta` intelletwali;

8. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta` rikorrenti bhala b'kollox elf mitejn u sittin (1260) qliezet ta' taht ta' l-irgiel (oltre ghall-kaxxi relattivi ghall-istess), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 9 tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community Trademark,* kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap 416), tal-artiklu 76A (1) TAL-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji) u tar-regolament numru 9 ta' l-Avviz Legali 233 tal-2003;

9. Illi s-socjeta` rikorrenti nghatat id-dettalji tal-intimata mill-Kontrollur tad-Dwana, u gie lill-istess socjeta` rikorrenti prefiss terminu sat-30 ta' Ottubru 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-

konfront ta' l-intimata li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi ir-rikorrent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi r-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-oggetti u cioe` l-artikli ta' lbies (qliezet ta' taht ta' l-irgiel) u kaxxi relattivi, li fihom sinjali konsistenti fil-kelma "Armani" kif ukoll (fil-kaz tal-kaxxi relattivi) rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla, liema oggetti jinsabu prezentament mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* XINU1031820 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti;

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez ta' l-intimata;

(3) Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimata mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) Tordna li l-intimata ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent *nomine*.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Doreen Aquilna, kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lis-socjeta` estera Tawreg Co. li biha eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' George Agius, impjegat mad-Dwana ta' Malta bhala Spettur fis-sezzjoni tal-infurzar, b'specjalizzazzjoni fid-Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), u fih issemma li l-kontejner numru XTNU 1031820 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxbokk minn fuq il-vapur CMA CGM ROSSINI fis-26 ta' Settembru 2007 u kien gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond polza ta' taghbija numru GZ2183443 tal-vjagg ME364W li giet ipprezentata mill-agent tal-vapur, l-origini tal-kontejner kienet ic-Cina u dan kien destinat ghal-Libja. Bhala kontenut kien dikjarat li fih 199 kaxxa 'CLOTHES'. Il-kontejner gie mibghut minn SUN ASIA TRADiNG LTD, filwaqt li l-konsenjatarji kienu indikati bhala TAWAREG CO BENGHAZI-LJBYA. Fl-l ta' Ottubru 2007 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli gew konfermati bhala intatti, il-kontejner infetah u nstabu xi kaxxi minn fost il-kaxxi tal-kontenut totali li kienu jikkonsistu fi qliezet ta' taht ta' l-irgiel li kienu jgorru

fuqhom il-markju ta' 'ARMANI', liema qliezet ta' taht ta' l-irgiel dehru suspettuzi li kienu kontrafatti. Kien hemm ukoll kaxxi bi hwejjeg b'markji ohrajn. Billi ghall-markji 'ARMANI' d-Dwana ghandha lapplikazzjoni ghall-azzjoni skond l-Att VIII tas-sena 2000, Kapitlu 414 tal-Ligijiet ta Malta, kif ukoll skond il-***Council Regulation*** *(EC)* ***No*** 1383/2003, ittiehdet id-decizjoni li l-kontejner jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li gew elevati kampjuni mill-kontejner, dan kien rega' nghalaq u gie sigillat mid-Dwana kif ukoll mir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur. Ir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur inghata ricevuta tal-kontejner mizmum. Il-kampjuni li kienu gew elevati gew mghoddija lil Dr. Luigi A. Sansone LL.D. ta' Salomone, Sansone & Co bhala rapprezentanti legali tal-markju 'ARMANI'. Minn ezamijiet li kienu saru fuq dawn il-kampjuni irrizulta li l-qliezet ta' taht ta' l-irgiel bil-markji 'ARMANI' kienu kontrafatti. Fid-29 ta' Ottubru 2007 ix-xhud gie infurmat minn Dr. Luigi A. Sansone LL.D li kien se jkompli bi proceduni legali gewwa l-Qrati Maltin kontra l-imsemmi konsenjaturi. Ix-xhud ikkonferma li l-imsemmija konsenja ghadha mizmuma mid-Dwana fl-imhazen taghha.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Dr. Luigi Sansone</u> li fih issemma li minbarra dak dikjarat fir-rikors guramentat, ix-xhud iddikjara li l-oggetti mertu tal-kawza huma oggetti falsifikati, u dan ghar-ragunijiet illi, fl-ewwel lok, il-mudelli mhux originali, fit-tieni lok it-tikketti ossija l-***logos*** fuq l-istess oggetti mhux originali, u fit-tielet lok il-materjal ta' ippakkettjar ta' l-istess oggetti huwa differenti minn dak uzat fuq prodotti originali. Dan kollu gie konfermat ukoll minn Gianfranco Bernasconi tas-socjeta` estera taljana INTAI S.p.A., li hija licenzjatarja esklussiva tas-socjeta` attrici dwar prodotti "EA Underwear". Zied jghid li fit-30 ta' Ottubru 2007 hu avza bil-miktub u ***by hand delivery*** qabel it-3 ta' wara nofsinhar lill-Kontroliur tad-Dwana li gew istitwiti proceduri civili gudizzjarji in konnessjoni ma' dan il-kaz. Qal li apparti l-informazzjoni li hemm fl-okkju tal-kawza u fuq il-polza ta' karigu relattiva, hu ma kellu ebda informazzjoni ulterjuri dwar is-socjeta` intimata.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lis-socjeta` rikorrenti ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna r-rikorrent ***nomine*** ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. Luigi Sansone huwa mandatarju specjali tas-socjeta` estera GA Modefine S.A. ghal dak li jirrigwada l-markji u l-protezzjoni tal-markji taghha gewwa Malta. Irrizulta li f'Settembru 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur CMA CGM ROSSINI konsenja hwejjeg, u fosthom qliezet ta' taht ta' l-irgiel tal-makju ARMANI, fuq il-***container*** XINU 1031820. Dan il-***container*** inhatt fis-26 ta' Settembru 2007 u fl-1 ta' Ottubru 2007 infetah biex jigi ezaminat. Dr. Sansone f'isem is-socjeta` rikorrenti kien inghata kampjuni ta' dawn il-qliezet ta' taht biex dawn jintbaghtu barra minn Malta u jigu ezaminati biex jigi stabbilit jekk hux genwini jew kontrafatti. Instab li dawn il-qliezet ta' taht kienu foloz. L-oggetti kienu ghadhom mizmumin mid-Dwana fl-imhazen taghha. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius, Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni ta' l-Infurzar li semma li fl-1 ta' Ottubru 2007 il-***container*** imsemmi nfetah biex jigi ezaminat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mis-socjeta` intimata u mill-kuraturi deputati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 90 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Gianfranco Bernasconi tas-socjeta` estera INTAI li fiha jinghad "Intai S.p.A., sole licensee for EA Underwear, states that the articles shown in the attachment are couterfeit for the following reasons…", u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talbiet rikorrenti ma huma b'ebda mod kontradetti.

L-azzjoni rikorrenti hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att ta' l-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kap 414].

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Gianfranco Bernasconi u ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius u ta' Dr. Sansone, il-Qorti tiddikjara li l-oggetti u cioe` l-artikoli ta' lbies (qliezet ta' taht ta' l-irgiel) u kaxxi relattivi, li fihom sinjali konsistenti fil-kelma "Armani" kif ukoll (fil-kaz tal-kaxxi relattivi) rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla, liema oggetti jinsabu prezentament mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-***container*** XINU1031820 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti.

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata.

Dwar it-tielet talba fejn intalab "Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimata mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni", fil-fatt ir-rikorrent ***nomine*** ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda mizura ohra.

Tordna li s-socjeta` intimata ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata, b'dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------